# Is-Sitt Erbgħa

Il-festa riesqa ġmielu u l-Kalkara diġa tidher li qed tieħu l-ħajja bil-mod! Jien li llum ngħix in-naħa l-oħra tal-gżira u li nersaq lejn il-Kalkara nhar ta' Ħadd, nista ngħidilkom li verament il-Kalkara huwa wieħed mill-ftit irħula li verament jilbes libsa ta' festa.

Illum qed niċċelebraw is-sitt Erbgħa f'ġieh San Ġużepp u llum nixtieq nagħmel żewġ riflessjonijiet qosra. L-ewwel wieħed huwa dak l-eżerċizzju li konna qed nagħmlu tul dawn l-aħħar sitt ġimgħat, cioe, li nħarsu malajr lejn il-ferħat u d-duluri ta' missierna Ġużeppi. Lum fis-sitt ġimgħa nħarsu lejn is-sitt dulur li huwa it-triq lura lejn darhom mill-Eġittu filwaqt li s-sitt ferħa hija l-familja mqaddsa. Kien dulur kbir għal San Ġużepp, bħala missier, li ma setax jagħti saqaf lil ibnu. Huwa veru li kellhom post fejn joqgħodu iżda bħal kull missier, Ġużeppi xtaq ħafna li ibnu jkollu post li jista jsejjaħlu bħala daru. Iċ-ċkejken Ġesu' mindu twieled ma kellux dar imma kellu ħafna wafqiet l'hemm u l'hawn bħalma ma jiġri lil kull min ikun qed jaħrab. Kien dulur li Ġużeppi reġa kien imsejjaħ biex jitlaq mill-Eġittu u jmur lura daru b'familtu. Tgħidu ' għaliex? Imissu kien ferħan li sejjer lura daru!' iżda Ġużeppi, għax qalbu nadifa, ma ħasibx fih inniffsu l-ewwel iżda f'ibnu Ġesu għax din id-dar għal Ġużeppi u Marija kienet darhom iżda għal Ġesu' kienet dar ġdida, dar oħra li ser tiżdied mal-lista tal-postijiet li fihom baqgħua bħala maħruba! Iżda bħalma għedna dejjem, għal kull dulur hemm ferħa u żgur li kienet ferħa għal Ġużeppi li meta marru lura darhom, il-familja għexet ħajja normali u kienu lkoll ferħanin. Għal Ġużeppi, bħal kull missier ieħor, kienet l-għaxqa tiegħu iħares lejn il-familja tiegħu.

It-tieni riflessjoni li xtaqt nagħmel illum hija fuq il-baned. Illum fil-knisja tagħna ser ikollna l-baned tagħna mistednin u xtaqt hawnhekk nagħmel 2 punti żgħar. L-ewwel punt huwa li għandna nirringrazzjaw mill-qalb lil dawn in-nies li joffru l-ħin tagħhom biex b'mod volontarju jaħdmu sena sħiħa biex fil-festa ngawdu flimkien. Huma għandhom ikunu kburin bix-xogħol li qed jagħmlu u għandhom iħeġġu

aktar żgħażagħ biex jingħaqdu magħhom f'din il-ħidma. It-tienei punt li xtaqt ngħid dwar il-baned hiaj fuq il-pika. Le, minix ser ngħidilkom li l-pika hija ħażina imma bil-kuntrarju ser ngħidilkom li għandna nużaw il-pika b'mod tajjeb. Hemmhekk ngħidilkom li għandna bżonnha l-pika. Il-pika nadifa tgħinek biex tkabbar u ttejjeb dak li tagħmel. Kieku ma kenitx għall-pika m'għandniex il-ġmiel ta arti fit-toroq tagħna!

Għamilna żmien fejn kellna pika maħmuġa u ngħiduha kif inhi….f'dak iż-żmien ma għamilniex avvanzi fl-armar daqs kemm għamilna f'dawn l-aħħar snin. Meta kellna pika maħmuġa l-festa kienet tibda l-Erbgħa u tispiċċa l-Ħadd filgħodu u l'San Ġużepp konna npoġġuh fil-ġenb. Il-knisja lanqas konna nagħtu kas x'inhuma jarmaw u meta l-knisja kien ikollha proġett, konna ndumu nġebbdu biex nagħmluh. Illum il-paġna nqalbet għax il-Kalkariżi riedu juru lil kulħadd li l-pika maħmuġa tagħna tnaddfet u mhux talli tnaddfet talli hija eżempju għal ħafna nies oħrajn! Prosit kbira lil kulħadd tal-maturita li urejna tul dawn l-aħħar snin! J'Alla f'din il-festa jkollna pika nadifa ħalli flimkien wara l-briju, u d-daħk u x-xalar, ndawwru wiċċna bi tbissima kbira lejn dak li għandu jnisslilna l-akbar ferħ...missierna Ġużeppi!

**Bro. Deo Debono**